

Brussell, 4 ta' Awwissu 2026
(OR. en)

12333/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0234 (NLE)

ECOFIN 1077
UEM 387
FIN 1143
ECB
EIB

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Awwissu 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 431 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-4 ta' Mejju 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għall-Bulgarija

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 431 final.

Mehmuż: COM(2026) 431 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.8.2026
COM(2026) 431 final

2026/0234 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-4 ta' Mejju 2022 dwar l-approvazzjoni
tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għall-Bulgarija**

{SWD(2026) 263 final}

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-4 ta' Mejju 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għall-Bulgarija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP") mill-Bulgarija fil-15 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fl-4 ta' Mejju 2022, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni ("id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022")². Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2022 ġiet emendata bid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2023³, tat-18 ta' Lulju 2025⁴, is-27 ta' Novembru 2025⁵ u t-28 ta' Mejju 2026⁶.
- (2) Fl-10 ta' Ġunju 2026, il-Bulgarija għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP parzjalment ma għadux jista' jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Abbażi ta' dan, il-Bulgarija ppreżentat RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi tal-RRP ippreżentati mill-Bulgarija minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 47 miżura.
- (4) Il-Bulgarija spjegat li miżura waħda ma għadhiex tista' tinkiseb, minħabba dewmien mhux mistenni fl-implimentazzjoni li jirriżulta minn ċirkostanzi lil hinn mill-kontroll

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>.

² ST 8091/22 INIT; ST 8091/22 ADD 1.

³ ST 15837/23 INIT; ST 15837/23 ADD 1.

⁴ ST 11242/25 INIT; ST 11242/25 ADD 1.

⁵ ST 15108/25 INIT; ST 15108/25 ADD 1.

⁶ ST 8819/26 INIT; ST 8819/26 ADD 1.

tal-Bulgarija. Dan jikkonċerna s-Sistema ta' Informazzjoni Unifikata għall-Investment 7, għall-Ippjanar Spazjal, it-Tfassil tal-Investment u l-Awtorizzazzjoni tal-Kostruzzjoni. Abbażi ta' dan, il-Bulgarija talbet li din il-miżura titneħħa. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 tiġi emendata kif xieraq.

- (5) Il-Bulgarija spjegat li sitt miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu, minħabba dewmien mhux mistenni fl-implimentazzjoni li jirriżulta minn ċirkostanzi lil hinn mill-kontroll tal-Bulgarija. Dan jikkonċerna C4.I1 Appoġġ għar-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini, C8.I5 Sikurezza fit-toroq, C10.I6 Appoġġ għal fażi pilota għall-introduzzjoni tal-immudellar tal-informazzjoni dwar il-bini, C11.I1 Xogħlijiet ta' infrastruttura fi stabbilimenti tal-kura fit-tul, C12.I1 Modernizzazzjoni tal-faċilitajiet tal-isptarijiet, C12.I4 Stabbiliment ta' sistema ta' ambulanza tal-ajru. Abbażi ta' dan, il-Bulgarija talbet li l-miżuri msemmija hawn fuq jiġu emendati. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 tiġi emendata kif xieraq.
- (6) Il-Bulgarija spjegat li ġew emendati erba' miżuri biex jiġu implimentati alternattivi aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tagħhom. Dan jikkonċerna C4.I9 Skema ta' sussidju — rinnovazzjoni ta' bini residenzjali, C4.R11 Titjib tal-governanza korporattiva tal-kumpaniji tal-Istat fis-settur tal-enerġija, C8.R4 Trasport pubbliku integrat, u C9.R2 Riforma tal-provvista tal-ilma u tad-drenaġġ. Abbażi ta' dan, il-Bulgarija talbet li l-miżuri msemmija hawn fuq jiġu emendati. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 tiġi emendata kif xieraq.
- (7) Il-Bulgarija spjegat li ġew emendati 34 miżura biex jiġu implimentati alternattivi aħjar li jippermettu li jitnaqqas il-piż amministrattiv u tiġi ssimplifikata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġettivi ta' daww il-miżuri. Dan jikkonċerna ċ-Ċentri STEM C1.I1 u innovazzjoni fl-edukazzjoni; C1.I2 Xogħlijiet ta' infrastruttura f'faċilitajiet edukattivi; C1.I3 Ħiliet diġitali; C1.I4 Ċentri taż-żgħażaġh; C2.I1 Programm ta' appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni; C2.I2 Investment fl-Akkademja Bulgara tax-Xjenzi; C3.I1 Programm għall-parks u ż-żoni industrijali (“AttractInvestBG”); C4.I3 Appoġġ għal sistemi ta' tidwil tat-toroq effiċjenti fl-użu tal-enerġija; C4.I4 It-trasformazzjoni diġitali tal-grilja tat-trażmissjoni tal-elettriku; C4.I8 Infrastruttura nazzjonali għall-ħżin tal-elettriku (RESTORE); C4.R6 It-tiżiħ tal-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli; C4.R10 Id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija; C6.I1 It-tranżizzjoni teknoloġika u ekoloġika tal-agrikoltura; C8.I1 Materjal fuq ir-roti ferrovjarju; C8.I7 Mobbiltà ekoloġika; C8.I8 Tagħmir għall-monitoraġġ jew il-manutenzjoni tal-binarij ferrovjarji u tal-linji fl-għoli; C8.I9 Rinnovazzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja; C10.R2 Antikorruzzjoni; C10.R10 L-Akkwist Pubbliku; C10.I4 Servizzi tas-sigurtà; C11.I2 Il-forniment ta' apparati ta' assistenza lil persuni b'diżabilità permanenti; C11.I5 Servizzi diġitali fl-Aġenzija tal-Impjiegi; C11.I7 Id-Diġitalizzazzjoni tal-arkivji; C11.I8 Infrastruttura tal-kultura; C12.I2 Ċentri għad-dijanjożi ta' intervent u għat-trattament endovaskulari ta' mard ċerebrovaskulari C12.I3 Il-Modernizzazzjoni tal-kura psikjatrika; C12.I5 Pjattaforma diġitali nazzjonali għad-dijanjożtika medika C12.I7 L-iżvilupp tal-kura outpatient C13.R2 It-trasparenza tal-proċeduri ta' konnessjoni għal kapaciċitajiet rinnovabbli u ta' ħżin ġodda; C13.R3 Il-funzjonament tas-suq tal-ibbilanċjar u l-iffaċilitar tar-rispons għad-domanda; C13.I1 Sistema ta' informazzjoni dwar unitajiet domestiċi foqra fl-enerġija u kliġenti vulnerabbli; C13.I2 Infrastruttura nazzjonali għall-ħżin tal-elettriku (RESTORE); (scaled-up); C13.I3 L-installazzjoni ta' Sistemi Fotovoltajċi u l-Forniment ta' Vetturi Elettriċi għall-Faċilitajiet tas-Servizzi Soċjali; C13.I4 Appoġġ għal kapaciċitajiet ġodda għall-

ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli u għall-ħżin tal-elettriku. Abbażi ta' dan, il-Bulgarija talbet li l-miżuri msemmija hawn fuq jiġu emendati. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 tiġi emendata kif xieraq.

- (8) Wara t-tneħħija u t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni tal-miżuri f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Bulgarija talbet li tuża r-riżorsi liberati mit-tneħħija tal-miżuri u mit-tnaqqis fil-livell tal-implimentazzjoni tagħhom biex iżżid żewġ miżuri ġodda u tgħolli l-livell ta' implimentazzjoni ta' miżura waħda. Dan jikkonċerna C10.I12 Diġitalizzazzjoni tal-Aġenzija Doganali u C10.I13 Diġitalizzazzjoni tal-Aġenzija Nazzjonali tad-Dħul u C4.I9 Skema ta' sussidju — rinnovazzjoni ta' bini residenzjali. Abbażi ta' dan, il-Bulgarija talbet li jiżdied il-livell ta' implimentazzjoni ta' miżura waħda (C4.I9 Skema ta' sussidju — rinnovazzjoni ta' bini residenzjali) u li jiżdiedu żewġ miżuri ġodda (C10.I12 Diġitalizzazzjoni tal-Aġenzija Doganali u C10.I13 Diġitalizzazzjoni tal-Aġenzija Nazzjonali tad-Dħul). Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 tiġi emendata kif xieraq.

Distribuzzjoni tal-istadji importanti u tal-miri

- (9) Id-distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri f'pagamenti parzjali jenħtieġ li tiġi emendata biex tqis l-emendi għall-RRP u l-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentata mill-Bulgarija.

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (10) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

La tagħmilx ħsara sinifikanti

- (11) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d), u l-kriterju 2.4 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa mistenni jiżgura li l-ebda miżura (klassifikazzjoni A) għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment inklużi fl-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ (il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”).
- (12) Il-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk l-emendi ma tibdilx il-valutazzjoni ġenerali ta' dan il-kriterju. Fir-rigward tal-investiment il-ġdid introdott fl-RRP (C.10.I12 Diġitalizzazzjoni tal-Aġenzija Doganali u C.10.I13 Diġitalizzazzjoni tal-Aġenzija Nazzjonali għad-Dħul), il-Bulgarija pprovdiet valutazzjoni tal-miżura skont il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” f'konformità mal-Gwida Teknika La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti” (C/2023/111). L-informazzjoni pprovduta tippermetti l-konklużjoni li l-pjan mistenni jiżgura li l-ebda miżura ma tagħmel ħsara sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852.

Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità

- (13) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u l-kriterju 2.5 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew

⁷ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2020/852/oj/eng>).

għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 48,9 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat u 99,5 % tal-kostijiet stmati totali tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.

- (14) Il-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' daww l-emendi ma tibdilx il-valutazzjoni ġenerali ta' dan il-kriterju. Il-RRP emendat jinvolvi tnaqqis fid-daqs ta' investiment wieħed li jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni ekoloġika kkawżat minn dewmien mhux mistenni fl-implimentazzjoni li jirriżulta minn ċirkostanzi lil hinn mill-kontroll tal-Bulgarija. Madankollu, il-livell ta' kontribut għall-oġettivi ekoloġiċi għadu sostanzjalment oġġla mill-mira klimatika stabbilita fl-Artikolu 18(4)(e) tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-RRP emendat ikompli jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tranżizzjoni ekoloġika, kif ukoll għall-kisba tal-miri klimatiċi tal-Unjoni għall-2030, filwaqt li jikkonforma mal-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali

- (15) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u l-kriterju 2.6 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jammontaw għal 21,2 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat ikkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament.
- (16) Il-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' daww l-emendi ma tibdilx il-valutazzjoni ġenerali ta' dan il-kriterju. L-emendi tal-RRP jikkonċernaw emendi għal 17 miżura li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali, it-tneħħija ta' kontribuzzjoni ta' miżura waħda għat-tranżizzjoni diġitali, u ż-żieda ta' żewġ miżuri ġodda li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali. Minkejja t-tnaqqis fl-implimentazzjoni, l-inklużjoni ta' żewġ miżuri ġodda, C10.I12 Diġitalizzazzjoni tal-Aġenzija Doganali u C10.I13 Diġitalizzazzjoni tal-Aġenzija Nazzjonali tad-Dħul, twassal għal żieda żgħira fil-kontribut tal-RRP għat-tranżizzjoni diġitali.

Kostijiet

- (17) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u mal-Anness V, il-kriterju 2.9, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP emendat dwar l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP hija moderament (klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (18) Skont l-informazzjoni pprovduta, il-valutazzjoni tal-istimi tal-kostijiet għall-miżuri l-ġodda u għall-miżuri eżistenti li l-modifiki tagħhom kienu jinvolvu valutazzjoni ġdida tal-kostijiet turi li l-biċċa l-kbira tal-kostijiet huma raġonevoli u plawżibbli. Fi ftit każijiet biss, id-dettalji dwar il-metodoloġija u s-suppożizzjonijiet użati biex isiru l-istimi tal-kostijiet kienu limitati, parzjalment minħabba n-novità tal-miżuri. Dan jipprekludi l-klassifikazzjoni A għal dan il-kriterju ta' valutazzjoni. Barra minn hekk, il-bidliet fl-istimi tal-kostijiet għall-miżuri modifikati l-oħra kienu ġġustifikati, proporzjonati għall-miri riveduti l-ġodda u appoġġati minn kalkoli u evidenza dettaljati, u bħala tali r-raġonevolezza u l-plawżibbiltà ta' dawn l-istimi tal-kostijiet ma

nbidlux meta mqabbla mal-RRP oriġinali. Fl-aħħar nett, il-kost totali stmat tal-RRP huwa konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonali mal-impatt nazzjonali, ekonomiku u soċjali mistenni.

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

- (19) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (j), u mal-Anness V, il-kriterju 2.10, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP emendat huma adegwati (Klassifikazzjoni A) sabiex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jużaw il-fondi pprovduti skont dak ir-Regolament, u l-arranġamenti huma mistennija li jevitaw b'mod effettiv il-finanzjament doppju skont dak ir-Regolament u programmi oħrajn tal-Unjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' strumenti u ta' għodod oħra għall-promozzjoni u għall-infurzar tal-konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess, u għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸.
- (20) Mill-valutazzjoni preċedenti, il-Kummissjoni kellha aċċess għal informazzjoni dwar l-implimentazzjoni attwali tas-sistema tal-Bulgarija ta' verifika u kontroll. Dan jinkludi s-sejbiet preliminari tal-awditu dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni mwettaq mill-Kummissjoni fil-Bulgarija.
- (21) Fid-dawl ta' din l-informazzjoni, il-Kummissjoni tqis li s-sistema ta' kontroll intern tal-RRP tal-Bulgarija hija ġeneralment adegwata.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni

- (22) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi ppreżentati mill-Bulgarija ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għall-Bulgarija rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (da), (db), (e), (g), (h), (j) u (k).

Valutazzjoni pożittiva

- (23) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat, meta nstab li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont li għandu jkun disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (24) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat tal-Bulgarija huma ta' EUR 6 174 106 145. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa ugwali għall-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Bulgarija, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament

⁸

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2020/2092/oj/eng>).

(UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹, u mal-Artikolu 20(4) u l-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 li hija allokata għall-RRP emendat tal-Bulgarija jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 6 174 106 145. Għalhekk, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-Bulgarija tibqa' l-istess.

- (25) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 tiġi emendata kif xieraq. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 jiġi sostitwit kompletament.
- (26) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kwalunkwe proċedura relatata mal-ġoti ta' fondi tal-Unjoni skont kwalunkwe programm tal-Unjoni ħlief għall-Faċilità jew għal proċeduri relatati ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Hija ma twarrabx il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajjnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat għall-Bulgarija abbażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata.

Artikolu 2

Emendi

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Bulgarija hija emendata kif ġej:

l-Anness huwa sostitwit bit-test stipulat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Bulgarija.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

⁹ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).